INITIATIVE OF
THE EUROPEAN UNION

IL-BELT TIEGĦEK SE TKUN IL-**KAPITALI EWROPEA GĦAT-TURIŻMU LI JMISS?**

GĦAL DESTINAZZJONIJIET B'AKTAR MINN 100,000 ABITANTI

SKEDA INFORMATTIVA

IL-BELT TIEGĦEK SE TKUN IL-**KAPITALI EWROPEA GĦAT-TURIŻMU LI JMISS?**

GĦAL DESTINAZZJONIJIET B'AKTAR MINN 100,000 ABITANTI

Il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tniedi kompetizzjoni biex tippremja t-titlu ta' Il-Kapitali Ewropej tat-Turiżmu 2027. Din l-inizjattiva tippremja l-bliet Ewropej u tagħtihom l-opportunità li jaqsmu l-prassi eżemplari tagħhom bħala destinazzjonijiet għat-turiżmu intelliġenti u sostenibbli.

Il-kompetizzjoni hija s-segwaċi tal-kompetizzjonijiet li qabel kienu msejħa **"European Capital" u "Green Pioneer of Smart Tourism"**, li issa ġew imħallta taħt it-titlu unifikat "European Capitals of Tourism", mingħajr ebda bidla fir-regoli jew fil-premjijiet.

Fil-kompetizzjoni tal-2027 tal-Kapitali Ewropej tat-Turiżmu, **se jiġu magħżula żewġ bliet bħala rebbieħa**: **destinazzjoni akbar**, b'popolazzjoni ta' aktar minn 100,000 abitant, u **destinazzjoni iżgħar**, b'popolazzjoni bejn 25,000 u 100,000 abitant.

Il-Kapitali Ewropea tat-Turiżmu għad-destinazzjonijiet ikbar se turi l-kisbiet minn destinazzjonijiet tat-turiżmu mal-UE kollha[1] fl-oqsma li ġejjin:

SOSTENIBBILTÀ *DIĠITALIZZAZZJONI* *WIRT KULTURALI U KREATTIVITÀ* *AĊĊESSIBBILTÀ*

Belt waħda b'popolazzjoni ta' aktar minn 100,000 abitanti li turi s-soluzzjonijiet l-aktar intelliġenti, innovattivi u inklużivi fl-oqsma msemmija hawn fuq kollha se tiġi ppremjata bit-titlu tal-**"Kapitali Ewropea għat-Turiżmu 2027"**.

Applika online permezz tas-sit web **SmartTourismCapital.eu** sal-**12 ta' Ġunju 2026** fil-17:00 CET.

DWAR XIEX INHI DIN L-INIZJATTIVA?

Is-settur tat-turiżmu huwa t-tielet l-akbar attività soċjoekonomika tal-UE u għandu rwol kruċjali fil-kontribuzzjoni għat-tkabbir, l-impjiegi u l-koeżjoni. Għandu potenzjal kbir immens biex jikber aktar billi jtejjeb l-esperjenzi tal-viżitaturi, joħloq opportunitajiet ġodda għal sħubiji u kooperazzjoni kif ukoll isaħħaħ is-sostenibbiltà u l-innovazzjoni fil-bliet u r-reġjuni tal-Ewropa.

[1] Bliet fl-UE kollha, u kif ukoll il-pajjiżi mhux tal-UE li jieħdu sehem fil-Programm tas-Suq Uniku (SMP) – preċedentement magħruf bħala l-Programm COSME. L-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-Iżlanda, il-Kosovo, il-Liechtenstein, il-Moldova, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, in-Norveġja, is-Serbja, it-Turkija, l-Ukrajna:https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/docs/2021-2027/smp/guidance/list-3rd-country-participation_smp_en.pdf.

Billi tippremja prassi eżemplari ta' turiżmu intelliġenti li tisfrutta dan il-potenzjal mhux użat, l-Unjoni Ewropea tixtieq tinkoraġġixxi soluzzjonijiet innovattivi u inklużivi fit-turiżmu sostenibbli u aċċessibbli, tippromwovi t-turiżmu intelliġenti b'mod diġitali u ssaħħaħ ir-rwol tal-industriji patrimonjali u kulturali u kreattivi bħala assi tat-turiżmu.

Billi tibni fuq l-esperjenza b'suċċess tal-edizzjonijiet preċedenti tal-Kapitali Ewropea għat-Turiżmu, din l-inizjattiva se tkompli tgħolli l-profil tal-Ewropa bħala destinazzjoni tat-turiżmu u biex tistabbilixxi network fejn tiġi kondiviża l-aħjar prassi fost id-destinazzjonijiet Ewropej.

KIF TISTA' BELT ISSIR KAPITALI TAT-TURIŻMU?

Kapitali Ewropea tat-Turiżmu għal destinazzjonijiet b'aktar minn 100,000 abitant, għall-iskop ta' din il-kompetizzjoni, hija ddefinita bħala belt:

- li timplimenta soluzzjonijiet innovattivi, intelliġenti u inklużivi fil-qasam tat-turiżmu
- li tuża l-kapital territorjali, soċjali u uman tagħha għat-tkabbir tas-settur tat-turiżmu tagħha, għall-prosperità tal-belt u kwalità ta' ħajja aħjar għall-abitanti tagħha
- li toffri esperjenza tat-turiżmu għanja u adattata permezz tal-valorizzazzjoni tal-assi lokali filwaqt li tirrispetta u tinvolvi l-komunitajiet lokali
- li tiffaċilita l-aċċess għas-servizzi u l-prodotti tat-turiżmu permezz ta' teknoloġiji ġodda, interkonnettività u l-interoperabbiltà tas-servizzi

Għaldaqstant, Kapitali Ewropea tat-Turiżmu trid tkun:

- **aċċessibbli:** aċċessibbli fiżikament għall-vjaġġaturi bi ħtiġijiet speċjali għall-aċċess, irrispettivament mill-età, is-sitwazzjoni soċjali jew ekonomika, b'diżabbiltajiet jew mingħajr. Tista' tintlaħaq faċilment permezz ta' mezzi tat-trasport differenti u b'sistema tat-trasport b'saħħitha fil-belt.

- **sostenibbli:** taħdem biex tippreżerva u ttejjeb l-ambjent u r-riżorsi naturali filwaqt li żżomm l-iżvilupp ekonomiku u soċjokulturali b'mod bilanċjat.

- **diġitali:** toffri informazzjoni dwar it-turiżmu u l-ospitalità, prodotti, servizzi, spazji u esperjenzi innovattivi adattati għall-ħtiġijiet tal-konsumaturi permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq l-ICT u għodod diġitali.

- **kulturali u kreattiva:** billi tagħmel użu inġenjuż tal-industriji patrimonjali u kreattivi tagħha għal esperjenza tat-turiżmu għanja.

GĦALIEX IL-BELT TIEGĦEK GĦANDHA TAPPLIKA BIEX TKUN IL-KAPITALI EWROPEA TAT-TURIŻMU?

It-titlu ta' **Kapitali Ewropea tat-Turiżmu 2027** se joffri opportunità unika biex tirċievi komunikazzjoni mmirata u appoġġ għall-markar għal sena minn kumpanija internazzjoni speċjalizzata fir-Relazzjonijiet Pubbliċi (PR) u tal-komunikazzjoni. Permezz ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni estensivi, il-bliet jitqiegħdu fuq il-mappa tad-destinazzjonijiet tat-turiżmu intelliġenti u jiggwadanjaw viżibilità bħala pijunieri tat-turiżmu intelliġenti fl-UE.

Minbarra trofew, il-belt rebbieħa se tiċċievi skultura kbira magħmula apposta li se titqiegħed fiċ-ċentru tal-belt biex timmarka l-impenn tagħha għal turiżmu li huwa ***SOSTENIBBLI, AĊĊESSIBBLI, DIĠITALI*** u ***KULTURALI.***

Fost benefiċċji oħrajn, l-azzjonijiet promozzjonali tal-belt se jkunu mtejba permezz tal-iżvilupp ta' vidjow qasir ta' preżentazzjoni li jenfasizza l-kisbiet tat-turiżmu intelliġenti u wirja waqt avveniment ewlieni tat-turiżmu jew fiera tal-ivvjaġġar tal-UE.

Għaldaqstant, li tkun il-**Kapitali Ewropea għat-Turiżmu 2027,** se jippermetti lill-belt rebbieħa sabiex tkun ta' ispirazzjoni għal destinazzjonijiet tat-turiżmu oħrajn fl-Ewropa kollha, ittejjeb il-profil tal-belt tagħha bħala destinazzjoni tal-ivvjaġġar ta' kwalità, tattira viżitaturi u tiġġenera t-tkabbir ekonomiku b'mod sostenibbli.

MIN JISTA' JIPPARTEĊIPA?

Il-kompetizzjoni hija miftuħa għal bliet li:

- jinsabu fi Stat Membru tal-UE jew f'pajjiż mhux tal-UE li jieħu sehem fil-Programm tas-Suq Uniku[2] – preċedentement magħruf bħala l-Programm COSME[2]
- għandhom popolazzjoni ta' aktar minn 100 000 abitant - fil-pajjiżi fejn ma hemm l-ebda belt b'aktar minn 100 000 abitant, l-akbar belt tkun eliġibbli biex tapplika

Jekk jogħġbok ara l-Gwida għall-Applikanti (Guide for Applicants) għal informazzjoni ddettaljata dwar il-kriterji tal-eliġibbiltà li jridu jiġu ssodisfatti

KIF SE TINGĦAŻEL IR-REBBIEĦA?

Se **titnieda** sejħa għall-applikazzjonijiet **fl'April 2026**, bid-data ta' skadenza għall-applikazzjonijiet iffissata għal Ġunju 2026. Matul il-fażi ta' qabel is-selezzjoni, l-applikazzjonijiet eliġibbli kollha jiġu evalwati skont sett ta' kriterji tal-premju stabbilit minn panel ta' esperti indipendenti. Abbażi tal-evalwazzjoni tagħhom, il-Kummissjoni tħejji lista qasira ta' massimu ta' 4 bliet li jiġu mistiedna biex jippreżentaw il-kandidatura tagħhom quddiem Ġurija Ewropea li se tagħżel iż-żewġ bliet Kapitali Ewropej għat-Turiżmu 2027.

[2] L-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-Iżlanda, il-Kosovo, il-Liechtenstein, il-Moldova, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, in-Norveġja, is-Serbja, it-Turkija, l-Ukrajna:https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/docs/2021-2027/smp/guidance/list-3rd-country-participation_smp_en.pdf.

Jekk jogħġbok ara l-Gwida għall-Applikanti (Guide for Applicants) għal informazzjoni aktar dettaljata dwar il-kriterji tal- applikazzjoni u s-sistema tal-evalwazzjoni.

DATI EWLENIN

Tnedija tal-kompetizzjoni: **7 ta' April 2026**

Data ta' skadenza tal-applikazzjoni: **12 ta' Ġunju 2026 sal-17:00 CET**

Perjodu tal-evalwazzjoni: **Ġunju – Lulju 2026**

Tħabbira tal-finalisti fil-lista l-qasira: **Settembru 2026**

Laqgħa tal-Ġurija Ewropea u tħabbir tar-rebbieħa: **Novembru 2026**

AKTAR INFORMAZZJONI:

Jekk jogħġbok aqra l-**GWIDA GĦALL-APPLIKANTI (GUIDE FOR APPLICANTS)** fuq **SmartTourismCapital.eu**

Ikkuntattjana fuq **info@SmartTourismCapital.eu**